C/2024/2461

25.3.2024

Avviż għall-attenzjoni ta' ċerti persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

(C/2024/2461)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni ta' Ali MAMLUK (Nru 3), Ali Abdullah (magħruf ukoll bħala Abdallah) AYYUB (Nru 56), il-Maġġur Ġeneral Kifah MOULHEM (Nru 66), il-Ġeneral Ghassan Jaoudat ISMAIL (Nru 146), Hussein MAKHLOUF (Nru 218), Salwa ABDULLAH (Nru 230), Tammam RA'AD (Nru. 300), Bassam TOU'MA (Nru. 303), Ziyad SABBAGH (Nru. 305), Mohamad Fayez BARCHA (Nru. 308), Mohammad Samir HADDAD (Nru. 310), Amr SALEM (Nru. 312), persuni li jidhru fl-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK [1] u fl-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 [2] dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja.

Il-Kunsill jipprevedi li jżomm il-miżuri restrittivi kontra l-persuni msemmija hawn fuq b'dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet u informazzjoni emendati. Dawk il-persuni huma b'dan infurmati li jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill biex jiksbu l-elementi li l-Kunsill għandu fil-fajl tiegħu għad-deżinjazzjoni tagħhom, **sad-29 ta' Marzu 2024** fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
General Secretariat
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Email: sanctions@consilium.europa.eu

[1] ĠU L 147, 1.6.2013, p. 14.
[2] ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1.